*-Appell mill-Arbitru Għas-Servizzi Finanzjarji*

*-valutazzjoni libera tal-provi*

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 2 ta' Lulju, 2020.**

**Appell Nru. 169/18 GM**

**Andrew John Downing (British Passport number 520139519) u martu Jennifer Frances Downing 9British Passpost Number 706955209)**

**Vs**

**Hollingsworth International Financial Services Limited (C32457)**

Il-Qorti:

Dan huwa appell tal-konjugi Downing minn deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji mogħtija fl-4 ta' Diċembru 2018 li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment tagħhom kontra Hollingsworth International Financial Services Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'HIFS') wara telf li sofrew f'portafoll t'investimenti li għamlu fuq parir tagħha bħala *service provider.*

Il-proċeduri li wasslu għall-appell tallum żvolġew kif ġej:-

1. Permezz ta' lment li wasal fl-uffiċċju tal-Arbitru fit-18 t'Ottubru 2016, Downing talbu kumpens għat-telf ta' terz mill-kapital f'investiment ta' £205,816 li għamlu bejn Novembru 2009 u Awwissu 2015 fuq parir ta' HIFS, sostanzjalment għal dawn il-raġunijiet:

(i) HIFS m'aġixxietx fl-aħjar interess tagħhom, kisret l-obbligi fiduċjarji tagħha meta bħala klijenti *retail*, tagħthom parir biex jinvestu f'investimenti kumplessi u ta' riskju għoli ntenzjonati għal klijenti professjonali u *counterparties* eliġibbli u mhux għal klijenti *retail.*

(ii) il-prodotti ma kinux konformi maċ-ċirkostanzi personali, b'riskji ikbar mill-kapaċita` ta' *loss absorption* tagħhom*,* l-oġġettivi finanzjarji tagħhom, u r-riskju baxx sa medju li kienu lesti jieħdu.

(iii) il-prodotti ma kinux skont l-għarfien u l-esperjenza tagħhom. Ma setgħux jifhmu r-riskju nvolut biex jieħdu deċiżjoni nfurmata. Ir-riskju ta' livell għoli ġie ppreżentat lilhom bħala wieħed ta' riskju baxx. Ir-riskji ġew sotto-enfasizzati u l-konsegwenzi serji tat-tħaddim tal-prodotti ma ġewx spjegati lilhom.

(iv) ma kinux eliġibbli biex jinvestu fil-*portfolio* in kwistjoni billi qatt ma kienu nvestew f'investimenti kumplessi qabel.

(v) il-*portfolio* ma kienx ibbalanċjat u ddiversifikat.

(vi) il-parir ingħata minn persuna mhux ikkwalifikata biex tagħti l-pariri finanzjarji.

2. Il-provditur, wara li qanqal għadd t'eċċezzjoni preliminari, fil-mertu wieġeb li:

(i) Mhux minnu li ma mexiex fl-aħjar interess tal-klijent, li kiser l-obbligi fiduċjarji, jew li kien negliġenti

(ii) It-telf kien riżultat ta' riskji inerenti fl-investiment.

(iii) L-ilment kien bla bażi u kellu għadd ta' impreċiżjonijiet, ineżattezzi, fatti rrelevanti, nofs veritajiet u nterpretazzjoni ħażina tal-liġi.

Wara d-deċiżjoni tal-Arbitru, il-konjuġi Downing appellaw b'dawn il-preġudizzjali:

1. ***L-arbitru naqas milli jikkunsidra l-liġijiet applikabbli, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imġieba ta' provditur ta' servizz*** (kif meħtieġ mill-Art. 19(3)(ċ)Kap 555)***, u bbaża d-deċiżjoni tiegħu biss fuq kunsiderazzjonijiet soġġettivi ta' x'inhu ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ*** (Art. 19(3)(b) Kap 555).

Din il-Qorti ma taqbilx li dawk il-kunsiderazzjonijiet tal-Arbitru li jkunu bbażati fuq dak li jkun ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, huma b'daqshekk soġġettivi. Dan hu aġġettiv miżjud mill-appellanti, li l-liġi ma tagħtix. Xi jkun ġust, ekwu u raġonevoli jintlaħaq skont kriterji ta' bon sens, ta' dixxerniment, u fuq kollox fuq l-esperjenza vasta li l-Arbitru jkollu, bħala ġudikant speċjalizzat, tal-prodotti finanzjarji varji, u mhux b'mod arbitrarju, jew "soġġettiv". Wara kollox, huwa l-leġislatur innifsu li espressament iffakoltizza lill-Arbitru biex jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' dawn il-kriterji. Fi kwalunkwe każ, lanqas huwa minnu li l-Arbitru ma mexiex skont il-liġijiet applikabbli, mhux biss għaliex huwa skont l-istess liġi li jiddeċiedi abbażi ta' dak li jkun ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, imma għaliex fl-ikkonfezzjonar tad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru mexa skont il-liġijiet, regolamenti u prattiċi tal-materja in kwistjoni anke fejn ma semmihomx espressament. Fir-Rikors tal-Appell tagħhom, il-konjuġi Downing ma jispeċifikawx liema huma dawn il-liġijiet, u lanqas kif l-Arbitru naqas li japplikahom. Mhux kompitu ta' din il-Qorti tfittex hi jekk u fejn jissussistu tali nuqqasijiet fid-deċiżjoni tal-Arbitru.

Għalhekk dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ.

2. ***Is-sentenza appellata in kwantu tqis li l-appellanti ssodisfaw is-suitability test hija msejjsa fuq kunsiderazzjonijiet erronji jew ta' importanza żgħira.***

In sostenn ta' din il-preġudizzjali, l-appellanti jirrepetu dak li sostnew quddiem l-Arbitru, ċjoe` li ndikaw bl-iktar mod ċar li riedu nvestiment low risk, u li ma kellhomx esperjenza vasta fl-investimenti. Ma jagħtu l-ebda raġuni l-għala l-konklużjonijiet tal-Arbitru kienu msejjsa fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati jew ta'

mportanza żgħira.  Din il-Qorti tiddepolora l-prattika li l-appelli jintużaw biex jiġu riprodotti sottomissjonijiet ġja' magħmula quddiem it-tribunal ta' prim'istanza minflok biex tabilħaqq jintwera l-aggravju kontra s-sentenza appellata.  Dan hu abbuż u stultifikazzjoni tal-għodda proċedurali disponibbli għal-litiganti, u jwassal għal ħela ta' ħin prezzjuz ħafna għall-Qorti.

Mhux hekk biss.  L-appellanti ma speċifikawx x'kienu l-kunsiderazzjonijiet erronji jew ta' mportanza żgħira.  Anke hawn, din il-Qorti ttenni li m'għandhiex il-kompitu tfittex għal dawn l-allegati nuqqasijiet hi.  Il-fatt li l-Arbitru ma wasalx għall-istess konklużjoni li riedu l-appellanti ma jfissirx li l-konklużjoni li fuqha hi bbażata d-deċizjoni tal-Arbitru hija żbaljata.  Bħala bażi għall-parti razzjonali tad-deċiżjoni tieghu, l-Arbitru qies bir-reqqa meħtieġa l-prodotti li l-konjuġi Downing ressqu l-ilmenti tagħhom dwarhom, esegwixxa analiżi tagħhom; qies l-assjem tal-assi tal-appellanti; qies ir-rapport tagħhom mal-provditur u l-Client Fact Find ikkumpilat mid-direttur tal-provditur u l-korrispondenza voluminuża bejn il-partijiet u dan fid-dawl ta' dak kollu li jipprovdu r-regoli tal-MFSA.

Ma jirriżultax lill-Qorti li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma żbaljati jew ta' mportanza żgħira.  Fi kwalunkwe każ, il-prinċipju tal-liberu konvinċiment huwa parti essenzjali mill-potesta` ġurisdizzjonali ta' kull ġudikant.  Li jfisser li mhu marbut bl-ebda norma li timponilu li jemmen jew ma jemminx xi mezz ta' prova partikolari, jew x'piż għandu jagħti lil prova partikolari, salv il-kriterju tal-prudenza. Jew, biex il-Qorti tislef kliem l-appellanti, kif jiddeċiedi x'inhu ta' mportanza żgħira jew kbira. Huwa ħieles li jiżen skont dak li jidhirlu li hu raġonevoli fil-kuntest partikolari taċ-ċirkostanzi uniċi li jkollu quddiemu.  Dan jgħodd iktar u iktar għall-Arbitru, li l-liġi speċjali tagħtih espressament il-fakulta` li jiddeċiedi x'inhu ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Issa dak li qiegħdin jipprovaw jagħmlu l-appellanti mhuwiex li juru li l-apprezzament tal-Arbitru kien xi wieħed illoġiku, arbitrarju, li ma jirriżultax mill-provi, li hu mingħajr motivazzjoni, jew li laħaq konklużjonijiet li ma setgħux jiġu dedotti mill-provi akkwiżiti, inkella huma deduzzjonijiet minn provi li kjarament ma jirriżultawx; imma li tissostwixxi l-apprezzament tagħha tal-materjal probatorju għal dak tal-arbitru, billi tagħti piż lil evidenza li l-Arbitru dehrlu li għandu jiskarta, u, bil-kontra, tiskarta evidenza li l-Arbitru attribwielha kredibilita`. Fi kliem ieħor, qiegħdha tistieden lil din il-Qorti tissostitwixxi l-evaluwazzjoni tagħha tal-provi għal dik tal-Arbitru anke jekk dan mexa entro l-parametri ġusti tad-diskrezzjoni deliberattiva ġudizzjali. Ħaġa li din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, bħala regola, ma tagħmilx.

Għalhekk l-anqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jirċievi favur.

3. ***is-sentenza appellata ma tiħux qies tal-fatt li s-soċjeta` intimata naqset mill-obbligi tagħha versu l-appellanti u lanqas ma tqis l-interventi regolatorji fil-konfront tas-soċjeta` intimata.***

L-appellanti jsostnu li fittxew prodott b'*full capital protection* iżda, minflok, is-soċjeta` intimata pprovditilhom prodotti perikolużi. Prodott li kien intiż għal investituri professjonali; traskuraġni li wasslet għas-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellata mill-MFSA b'deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2016.

L-appellanti ma wrewx x'għandhom x'jaqsmu mal-mertu ta' dan il-każ l-interventi regolatorji li jsir aċċenn għalihom fit-tielet preġudizzjali.

Mhux minnu li l-Arbitru ma ħax qies tal-"fatt" li HIFS naqset mill-obbligi tagħha. Anzi, l-Arbitru sab li HIFS ma naqsitx minn dawn l-obbligi. Il-Qorti tistenna li l-

bażi fattwali tal-aggravju tkun korretta, speċjalment fejn din tirreferi għall-kontenut tas-sentenza appellata. L-Arbitru wasal għal din il-konklużjoni abbażi ta' għadd ta' fatturi skrupolożament elenkati fid-deċiżjoni u ċjoe` illi:

1. Downing riedu jinvestu fi prodotti stutturati bil-kapital protett. Qies li kienu konxji tax-xorta ta' dan l-investiment komparat, per eżempju, ma' strumenti oħrajn bħal *bonds.* Ippretendew rata ta' mgħax ta' 6% iżda fl-istess nifs indikaw riskju baxx sa medju. Kienu jafu li l-kapital ma kienx garantit iżda kienu kunfidenti li dan ma jseħħx għax is-swieq kienu sejrin tajjeb u l-*equities* jissaħħu.

2. Andrew John Downing innifsu kien jissuġġerixxi l-investiment fi prodotti strutturati speċifiċi.

3. Il-ġid tal-konjuġi Downing kien b'saħħtu biżżejjed biex jifilħu għall-eventwali telf fl-investiment.

4. L-oġġettiv tal-konjuġi Downing li jkollhom *returns* ta' 6% jikkuntrasta mat-talba tagħhom fl-ilment għal rifużjoni ta' 3.663% li jekwivali għar-*return* applikabbli fil-2009 għal GBP UK bond tal-Gvern għal 10 snin u deskritta li tirrifletti riskju medju[1]. L-Arbitru ma kienx konvint li l-ilmentaturi ma kinux konxji li *return* akbar kien ifisser riskju ogħla ekwivalenti.

5. L-ilmentaturi kellhom esperjenza ta' investimenti oħra u reġgħu investew minkejja li kienu għamlu xi telf mill-istess investimenti magħmulin fi snin preċedenti.

Il-qorti ma ssib xejn illoġiku jew irrazzjonali f'dan ir-raġunament tal-Arbitru u għalhekk anke in konnessjoni ma' dan il-gravam ma tqisx li għandha tiddisturba d-

[1] Ara fol 56 tal-proċess tal-Arbitru

diskrezzjoni tiegħu fl-evaluwazzjoni tal-provi relattivi.

Illi kemm fir-Rikors tal-Appell kif ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet, il-konjuġi Downing isostnu li riedu nvestiment *low risk*. Dan jikkuntrasta ma' dak li jistqarru fir-rikors promotur quddiem l-arbitru, fejn iddeskrivew il-GBP UK bond tal-Gvern għal 10 snin – li jagħti return ta' 3.663%; ferm inqas minn 6% - bħala *medium risk.* Fis-seduta tas-27 ta' frar 2017, Downing ħalef fil-proċeduri quddiem l-Arbitru li qabel l-investiment *de quo*, ma kien għamel l-ebda investiment kwalsiasi, ħlief għal depożiti bankarji. Ikkonfrontat b'ittra elettronika li fiha rrefera għall-investimenti preċedenti tiegħu, ammetta li kellu nvestimenti strutturati preċedenti. Dawn il-kontradizzjonijiet ġustament dgħajjfu serjament il-kredibilita` tal-ilmentaturi f'għajnejn l-Arbitru; kontradizzjonijiet li tkomplew saħansitra quddiem din il-Qorti.

Għalhekk lanqas it-tielet gravam tal-aggravju m'huwa qiegħed jirċievi favur.

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħdha tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA